# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1168/18/1 LM**

**Dieter Achtelstetter**

**v.**

**Fish and Fish Limited (**Nru. ta' reġistrazzjoni **C-14268)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Dieter Achtelstetter, fit-23 ta' Novembru, 2018, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Din il-kawża qiegħda titressaq kontra s-soċjetà konvenuta Fish and Fish Limited bħala s-soċjetà li kienet topera u kellha taħt il-kontroll tagħha l-bastiment M/V Gran Michelangelo.
>
> 2. Illi permezz ta' rikors maħluf intavolat fit-12 ta' Settembru, 2016, [832/2006/JZM] kontra l-imsemmi bastiment M/V Gran Michelangelo, l-esponenti kien ippremetta s-segwenti:

*1. Illi huwa sid tal-yacht Ocean Lady irreġistrat ġewwa Hamburg il-Ġermanja.*

*2. Illi fl-14 ta' Diċembru 2005 meta l-Ocean Lady kienet sorġuta fuq berth ġewwa Marsaxlokk, seħħet kolliżjoni wara illi waqt maltempata il-bastiment tas-sajd Gran Michelangelo nqatgħulu ċ-ċimi tiegħu u dan tkarkar għal fuq il-bastiment Capitan San Marco proprjeta' ta' ċittadin Belġjan residenti hawn Malta Fred Fremal u dawn iż-żewġ bastimenti spiċċaw jistrieħu fuq l-Ocean Lady.*

*3. Illi bħala konsegwenza ta' din il-kolliżjoni l-Ocean Lady tista' titqies bħala 'total loss' u dan minħabba l-fatt illi l-prezz sabiex isiru t-tiswijiet lill-istess Ocean Lady jeċċedi l-valur tagħha (ara paġna 6 ta' survey report anness bħala Dok 'A').*

*5. Illi huwa stmat li l-valur tal-Ocean Lady qabel il-kolliżjoni kien dak ta' bejn għaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) (u dan kif mur fis-survey report anness bħala Dok. A).*

*6. Illi l-inċident seħħ unikament b'tort u responsabilità ta' M/V Gran Michelangelo kif jiġi spjegat u ppruvat fil-mori ta' din il-kawża.*

3. Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti talab illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha:

*i. tiddikjara illi l-inċident li fih tkissret l-Ocean Lady seħħ unikament b'tort u responsabilità ta' M/V Gran Michelangelo;*

*ii. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent konsistenti fil-valur tal-Ocean Lady qabel l-inċident fuq somma oħra illi dina l-Qorti jidhrilha xierqa u ġusta, u dan jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;*

*konsegwentement*

*iii. tikkundanna lil bastiment intimat iħallas l-ammont illikwidat minn din il-Qorti bħala danni sofferti mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment (no. 13 25/06) u tal-mandat ta' qbid eżegwiti kontra l-bastiment intimat (no. 1326/06JB).*

4. Illi l-attur ikkawtela l-pretensjoni tiegħu billi talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq [Nru. 1325/06] tal-bastiment konvenut (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. F1) għal sorte ta' għaxart elef Lira Maltija (LM10,000) – rappreżentanti kalkolu approssimattiv ta' danni inkorsi mir-rikorrenti a kawża tal-inċident mertu tal-proċeduri surriferiti.

5. Illi fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-bastiment konvenut ċaħad kwalsiasi forma ta' responsabbiltà għal-kolliżjoni msemmija

u għad-danni li nkorra r-rikorrenti b'konsegwenza tal-akkadut u eċepixxa ulterjorment illi:

> *Il-Gran Michelangelo ċċaqlaq stante li għalkemm baqa' marbut bil-ħbula tal-irmiġġ minn fuq iċċaqlaq mill-parti tal-irmiġġ ta' qiegħ il-baħar u għalhekk mhux minħabba xi negliġenza jew imperizja da parti tal-eċċipjenti, iżda min-naħa l-oħra l-Capitan San Marco nvolut fil-maltempata nħall mill-irmiġġ tiegħu peress li nqata' mill-ħbula u ċimi tal-parti ta' fuq stante li kienu mhux idonji sabiex jifilħu l-bastiment u dan ċertament minħabba negliġenza u mperizja da parti tal-Kaptan Alfred Fremal u l-istess Capitan San Marco.*

6. Illi permezz ta' sentenza tramandata minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fis-17 ta' Settembru, 2013, din tal-aħħar għażlet illi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, u dan stante li, skond hi, l-inċident li fih tkissret l-Ocean Lady, ossia l-jott tar-rikorrenti, ma seħħx unikament b'tort u b'responsabbilita' ta' M/V Gran Michelangelo;

7. Illi tajjeb jingħad illi, kif intqal fil-bidunett, fiż-żmien li seħħ l-inċident de quo, u ċioé fl-14 ta' Diċembru 2005, il-bastiment M/V Gran Michelangelo kien fil-pussess u taħt il-kontroll, tas-soċjetà konvenuta Fish and Fish Limited (C 14268], bħala l-operatriċi tal-istess;

8. Illi di fatti, u għal kull buon fini, ir-rikorrenti jieħu spunt minn dan u jirrileva li fi proċeduri separati li nfetħu mis-soċjetà konvenuta [7/07JZM] kontra l-bastiment Capitan San Marco (bastiment ieħor li kien involut fl-inċident in kwistjoni u li, skond is-soċjetà Fish and Fish Co. Ltd, kellu jġorr ir-responsabilità għall-akkadut) u l-kaptan tal-istess bastiment Alfred Fremal, il-Qorti adita b'dawk il-proċeduri rriteniet [fn. 1 **Fish and Fish Ltd. Pro et noe (C 14268) vs Avukat Ann Fenech noe et.** Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru, 2013 [7/07/JZM]] bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi:

> *"kull ma ġara dak il-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru, 2005 ma kienx dovut għal xi nuqqas da parti tal-bastiment jew tas-sidien tiegħu, iżda li <u>kull ma ġara kien dovut unikament għal nuqqas tal-kumpanija attriċi Fish and Fish Limited … li kellha l-kontroll effettiv (bin-nies tagħha) ta' dak il-bastiment"</u>;*

9. Illi r-rikorrenti nterpona appell mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata s-17 ta' Settembru, 2013 fejn talab illi l-Qorti tal-Appell tħassar u tirrevoka tali sentenza u minflok tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-bastiment konvenut ;

10. Illi l-appell tar-rikorrenti ġie milqugħ, hekk kif permezz ta' sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Novembru, 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. F2**) il-Qorti tal-Appell irrevokat is-

sentenza mogħtija in prim' istanza u laqgħet it-talbiet attriċi, inkluż billi llikwidat arbitrio boni viri in linea ta' danni sofferti mill-attur fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Euro (€25,623) u ordnat lill-bastiment konvenut iħallas s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti (qua appellant), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut;

11. Illi sadattant, il-bastiment konvenut kien għadu milqut mill-mandat kawtelatorju li, kif ġa ntqal, kien tressaq mill-attur fil-bidu tal-proċeduri;

12. Illi madanakollu, fil-perkors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-rikorrenti ġie a konoxxenza tal-fatt illi, fil-mori tal-istess proċeduri l-bastiment M/V Gran Michelangelo safa abbandunat mill-operaturi tiegħu, b'dan illi ultimament spiċċa mgħerreq f'nofs il-bajja ta' Marsaxlokk;

13. Illi huwa minn ewl id-dinja illi, s-sempliċi fatt li l-bastiment de quo [li kien għadu soġġett għal mandat t'arrest] tħalla jisfa fix-xejn ippreġudika irreparabbilment il-pretensjoni tar-rikorrenti peress illi dan effettivament ittieħditlu il-fakoltà li jenforza t-titolu eżekuttiv li ottjena fil-konfront tal-M/V Gran Michelangelo kontra l-istess bastiment. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis illi l-unika garanzija li kellu r-rikorrenti sabiex jirkupra s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Euro (€25,623) f'danni, kif likwidata mill-Qorti tal-Appell, kienet il-bastiment innifsu ;

14. Illi multo magis jista' jiġi kkostatat b'ċertezza li l-ħsara u d-deterjorazzjoni li ġiet rekata lill-bastiment M/V Gran Michelangelo, u li kkulminat fil-perdita tal-istess, kienet konsegwenza diretta ta' traskuraġni u negliġenza assoluta da parti tas-soċjetà konvenuta, qua operatriċi tal-bastiment, li fl-aħħar mill-aħħar kella obbligu inekwivoku li, la darba kienet għada munita bil-pussess tal-bastiment, tmantnih u tippreservah, partikolarment fid-dawl tal-mandat li kien għadu in vigore;

15. Illi s-soċjetà konvenuta ġiet miżmuma responsabbli għat-telf li seta' sofra r-rikorrenti bħala konsegwenza tal-aġir surriferit permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fis-17 ta' Novembru, 2016 (Nru. 3773/2016) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. F3**);

16. Illi fil-kuntest tal-premess, issir referenza għall-artikoli 1031, 1032(1) u 1033 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi testwalment jipprovdu s-segwenti:

> ***1031*** *…kull wieħed iwieġeb għal ħsara li ssir bi ħtija tiegħu*
>
> ***1032(1)*** *Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

> ***1033*** *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

17. Illi tenut kont tad-dispożizzjonijiet imsemmija għandu jirriżulta mingħajr l-iċken dubbju li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni li sofra r-rikorrenti b'konsegwenza tat-telf tal-bastiment M/V Gran Michelangelo, liema danni jammontaw għas-somma komplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Euro (€25,622) likwidata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza datata l-24 ta' Novembru, 2017, u dan stante li s-soċjetà konvenuta naqqset mill-obbligu li tippreserva l-bastiment de quo in vista tal-mandat t'arrest maħruġ fil-konfront tiegħu, bi ksur pależi tal-obbligi delittwali li jinkombu fuqha skond il-liġi;

Għalhekk l-attur qed jitlob lil din il-Qorti għar-raġunijiet hawn fuq imfissra u *"…prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li tista' tiġi ritenuta neċessarja u opportuna*:

i. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Fish and Fish Limited unikament responsabbli għad-deterjorazzjoni u l-eventwali telf tal-bastiment M/V Gran Michelangelo, minkejja li dan kien soġġett għall-mandat t'impediment ta' tluq nur. 1325/06;

ii. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta Fish and Fish Limited hija għalhekk responsabbli għad-danni fil-konfront tal-attur Dieter Achtelstetter;

iii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Dieter Achtelstetter, li għandhom jinkludu ammont ekwivalenti għal s-sorte likwidat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-24 ta' Novembru, 2017, imgħaxijiet u spejjeż;

iv. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti skont it-tielet talba;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji kontra s-soċjetà konvenuta, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tas-soċjeta` Fish and Fish Limited, debitament maħlufa minn David Azzopardi, ppreżentata fil-11 ta' Jannar, 2019, li permezz tagħha ġie eċċepit:

> "1. Illi fl-ewwel lok s-soċjetà intimata in linja preliminari teċċepixxi illi l-imsemmija azzjoni hija preskritta ai termini tal-

Artiklu 541 u 545(c) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta Malta u tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi in linja preliminari ukoll s-soċjetà intimata mhijiex il-leġittimu kontradittur għaliex qatt ma ġiet interpellata direttament mill-attur u mill-atti tal-kawżi jirriżulta ampjament illi l-attur interpella u preżenta u ottjena mandati kawtelatorji biss kontra l-Bastiment Gran Michelangelo li huwa proprjetà tas-soċjetà estera G & C srl.

3. Illi s-soċjetà intimata qatt ma kellha r-responsabilità tal-preservazzjoni tal-biċċa tal-baħar liema responsabilità hija espressament sanċita mill-liġi fuq l-Awtorità Transport Malta ai termini tal-Artikolu 857 tal-Kap. 12.

4. Illi l-attur ottjena sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 fil-konfront tal-Bastiment konvenut Gran Michelangelo.

5. Illi l-mandati kawtelatorji u ċioé Mandat ta' Qbid numru 1326/06 u l-Impediment ta' Safar, Mandat numru 1325/06 qatt ma kienu notifikati lis-soċjetà intimata la bħala intimata u l-anqas bħala s-soċjetà responsabbli tal-bastiment. In-notifiki in atti jikkonfermaw dan mingħajr ebda dubbju u għalhekk it-talbiet kif interposti kontra s-soċjetà intimata huma irriti u mingħajr effett fil-liġi.

6. Illi s-soċjetà intimata qatt ma kellha l-pussess tal-Bastiment li kif irriżulta ampjament fil-kawżi ċitati dwar is-sinistru u inċident maritimmu, iżda biss illi l-imsemmi Bastiment kien qed jippresta s-servizz lis-soċjetà intimata. Kull deċiżjoni li ttieħdet mill-Qorti tal-Appell sabet ħtija tal-akkadut u danni sofferti kontra l-Bastiment Gran Michelangelo.

7. Illi l-attur jikkontendi li s-soċjetà intimata kellha responsabilità għaż-żamma tal-Bastiment meta dan ma jirriżulta min ebda dokument, mandat jew att ġudizzjarju kif erronjament qed jipprospetta l-attur."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta fis-sens li hija mhix leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni

tal-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mis-soċjeta` konvenuta, ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur. Bl-ispejjeż tal-proċeduri jibqgħu a karigu tal-attur.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-vertenza bejn il-partijiet hija dwar il-bastiment M/V Gran Michelangelo kontra liema bastiment l-attur kien kiseb sentenza favur tiegħu mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri tar-rikors nru 832/06JZM fl-ismijiet **Dieter Achtelstetter *vs.* M/V Gran Michelangelo**. Dan proprju wara li huwa kien kiseb ukoll l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq u ta' qbid kontra tiegħu. Iżda ġara li dan il-bastiment ma deherx aktar u l-attur qed jikkontendi li dan għereq f'nofs il-bajja ta' Marsaxlokk, u dan wara li kien ġie abbandunat mill-operaturi tiegħu li skont hu kienet proprju s-soċjetà konvenuta. B'hekk jgħid li ġew ippreġudikati l-pretensjonijiet tiegħu. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda tiċħad kull responsabilità għall-bastiment.
>
> **<u>Provi u riżultanzi</u>**
>
> Waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar, 2019, xehed l-attur **Dieter Achtelstetter** minn jeddu bl-ilsien Ingliż.[1] Huwa spjega li kellu sentenza favur tiegħu kontra l-bastiment M/V Gran Michelangelo li huwa kien jaf li kien jintuża għas-sajd mis-soċjetà konvenuta.
>
> Waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019, xehed **l-Avukat Robert Vassallo**[2], prodott mill-attur. Spjega li huwa kellu l-kariga ta' *Senior Manager Legal EU and International Affairs* fi ħdan id-Direttorat ta' Portijiet u Yachting. Mir-riċerki tiegħu rriżulta li l-bastiment M/V Gran Michelangelo kien involut f'inċident fis-sena 2005 fil-port ta' Marsaxlokk meta nqatgħu ċ-ċimi u daħal fuq żewġ bastimenti oħra. Iżda sa Frar 2018 kienu għadhom qegħdin jitħallsu l-*port dues* u l-aħħar kont fil-fatt kien ħareġ fis-6 ta' Marzu, 2018. Ix-xhud irrileva li kien hemm mandat ta' arrest fuq il-bastiment inkwistjoni maħruġ fis-sena 2012 mill-Kaptan Alfred Fremal, sid bastiment li kien involut fl-inċident imsemmi. Irrileva wkoll li l-bastiment ma kienx għadu jeżisti u d-Direttorat ma kienx jaf jekk dan kienx għereq jew ittella' l-art, ġiex imkisser u skrappjat. Il-bastiment kien reġistrat taħt bandiera Taljana.
>
> Waqt l-udjenza tat-8 ta' April, 2019, ġie riprodott mill-attur ix-xhud **l-Avukat Robert Vassallo**.[3] Huwa esebixxa kopja ta' dak li jissejjaħ

[1] *A fol.* 59 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 65 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 72 *et seq.* tal-proċess.

*IMO General Declaration*[4] u spjega li fuqha kien hemm notament li ċertu Ernest Galea kien qed jidher bħala l-aġent tal-bastiment, iżda kien hemm ukoll nota li tgħid li din il-persuna kienet infurmat lill-Awtorità li Fish and Fish kienet ġiet appuntata bħala l-aġent ta' dak il-bastiment. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-aħħar fattura li nħarġet lis-soċjetà Fish and Fish Ltd mill-Awtorità għall-*port dues* dovuti fir-rigward tal-bastiment M/V Gran Michelangelo.[5] Ikkonferma li din il-fattura kienet tħallset mis-soċjetà konvenuta. Ġie esebit ukoll kopja ta' mandat ta' arrest[6], li kien ġie notifikat kemm lil Earnest Marine, kif ukoll lis-soċjetà konvenuta.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2019, ġie riprodott mill-attur għall-darb'oħra x-xhud **l-Avukat Robert Vassallo**.[7] Irrileva li n-nies li kienu għamlu n-notamenti fuq l-*IMO General Declaration* ma kinux jaħdmu aktar mal-Awtorità.

Waqt l-istess udjenza xehed **Raymond Caruana**[8], rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, prodott mill-attur. Fuq riċerka li għamel ix-xhud, ma rriżultax li l-bastiment M/V Gran Michelangelo kien xi darba reġistrat mad-Dipartiment li xogħlu kien li joħroġ liċenzji tas-sajd u miegħu kienu jiġu reġistrati wkoll sas-sena ta' qabel dawk il-bastimenti li kienu *towing vessels* jew *support vessels* jew *auxiliary vessels.*

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru, 2019, xehed **David Azzopardi**, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, prodott mill-attur. Huwa spjega li sidien il-bastiment M/V Michelangelo kienu Taljani bl-isem G & C, li mingħandhom is-soċjetà konvenuta kienet tixtri t-tonn u anki tagħmel użu mis-servizzi tagħha permezz tal-kiri ta' dgħajjes bl-ekwipaġġ tagħhom wkoll, inkluż dak imsemmi, sabiex jinġibdu l-gaġġeġ tat-tonn. Ix-xhud iddikjara li safejn kien jaf huwa stess, il-bastiment M/V Gran Michelangelo kien għereq ġewwa Marsaxlokk xi tlieta jew erbgħa snin qabel, iżda ma setax jgħid jekk kienx sar rapport dwar dan.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2019, reġa' xehed **David Azzopardi**[9] iżda din id-darba prodott mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ddikjara li ċertu Francis Bezzina li lilu ġew notifikati l-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment nru 1325/06 u l-mandat ta' qbid nru 1326/06 ma kienx jafu u lanqas qatt ma ħadem mas-soċjetà konvenuta u sabiex juri dan huwa esebixxa diversi dokumenti maħruġa minn Jobsplus li kienu juru l-impjegati tas-soċjetà konvenuta għas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007.[10] Iddikjara li s-soċjetà konvenuta qatt ma kienet aġent tal-bastiment M/V Gran Michelangelo. In

[4] Dok. RV1 *a fol.* 78 tal-proċess.
[5] Dok. RV2 *a fol.* 79.
[6] Dok. RV3 *a fol.* 80.
[7] *A fol.* 87 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 90 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 287 *et seq.* tal-proċess.
[10] Dok. DA1 a *fol.* 290 sa 301.

kontroeżami kkonferma li s-soċjetà konvenuta lanqas kienet l-operatur tiegħu.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Alex Galea**[11], prodott mis-soċjetà konvenuta. Huwa ddikjara li kien jaħdem bħala *Chief Finance Officer* mas-soċjetà konvenuta. Spjega li l-fattura Dok. RV2 kienet tħallset ma' diversi fatturi oħra. Ma' dawn il-fatturi li jirċievu mingħand Transport Malta, ikun hemm ukoll fatturi fir-rigward ta' bastimenti li jissupplixxu lis-soċjetà konvenuta bit-tonn, bħalma kienet is-soċjeta' G & C. Dawn kienu jissupplixxu lilhom madwar tmien mija u ħamsin elf sa mitt elf Euro tonn fis-sena[12], u fid-dawl tal-fatt li r-relazzjoni ma' dik is-soċjetà kienet tmur lura għas-sena 2002 u tenut kont tal-ammont ta' €105 dovut lill-Awtorità, dan kien tħallas mis-soċjetà konvenuta mingħajr ma ntalbet rifużjoni.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2020, xehed għal darb'oħra **David Azzopardi**[13] prodott mis-soċjetà konvenuta. Ikkonferma li wara l-ittra uffiċjali numru 3773/2016[14], l-attur qatt ma reġa' interpella lis-soċjetà konvenuta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-attur qed jikkontendi li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-deterjorazzjoni u l-eventwali telf tal-bastiment M/V Gran Michelangelo u għaldaqstant huwa qed jitlob għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità tagħha għall-akkadut. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda tiċħad kull responsabbilità u tressaq diversi eċċezzjonijiet sabiex tilqa' għat-talba attriċi.

Fost l-eċċezzjonijiet preliminari tagħha, is-soċjetà tressaq l-eċċezzjoni li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur. Din il-Qorti tagħraf li tali eċċezzjoni tolqot il-pretensjoni attriċi li fuqha hija mibnija l-kawża odjerna, jiġifieri r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, u għalhekk timmerita li tiġi kkunsidrata qabel kull eċċezzjoni oħra mressqa mis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjeta konvenuta tispjega fir-risposta maħlufa tagħha, li l-attur qatt ma interpella lilha direttament filwaqt li kiseb il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji fil-konfront biss tal-bastiment M/V Gran Michelangelo li kien il-proprjetà tas-soċjetà estera G & C srl. Tiċħad li hija qatt kellha r-responsabbilità li tippreserva dak il-bastiment, kif kien qed jippretendi l-attur, u saħansitra dan ma kien jirriżulta minn ebda dokument jew att ġudizzjarju. Tikkontendi li kienet l-Awtorità għat-Transport Malta li kellha d-dover li tħares il-preservazzjoni ta' dak il-bastiment, u dan *ai termini* tal-artikolu 857 tal-Kap. 12. Is-soċjetà konvenuta tkompli tgħid li hija qatt ma kellha l-pussess tal-imsemmi

[11] *A fol.* 302 *et seq.* tal-proċess.
[12] Fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Jannar, 2020, ikkoreġa dan għal miljun Euro.
[13] *A fol.* 312 tal-proċess.
[14] Dok. FF4 a *fol.* 307.

bastiment u dan kien biss jippresta s-servizzi lilha u għalhekk ir-relazzjoni ġuridika tagħha kienet biss mal-bastiment M/V Gran Michelangelo.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jinsisti li dan kollu huwa kontradett mill-provi li juru li s-soċjetà konvenuta kienet l-operatriċi tal-bastiment. Barra minn hekk dan kien ġie kkonfermat fi proċeduri oħra li kienu ġew intavolati mill-istess soċjetà konvenuta fil-konfront tal-bastiment Capitan San Marco fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, irrikonoxxiet li s-soċjetà konvenuta kellha l-kontroll effettiv tal-bastiment M/V Gran Michelangelo u l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li kien fatt mhux kontestat li s-soċjetà konvenuta kienet l-operatriċi tiegħu.

Iżda din il-Qorti tqis li hawnhekk l-attur mhux qed jgħid sew. L-attur jittenta jsejjes l-allegazzjoni tiegħu li kienet is-soċjetà konvenuta l-operatriċi tal-bastiment M/V Gran Michelangelo fuq dak li rriżulta f'proċeduri oħra li jirrigwardaw kolliżjoni waqt maltempata li seħħet fl-14 ta' Diċembru, 2005, jiġifieri data qabel għosfor il-bastiment. Għal darb'oħra fin-nota ta' sottomissjoni tiegħu l-attur jisħaq li l-prova kienet ċara, kif ukoll ikkonfermata f'dawk il-proċeduri, u li dwar dan ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Fir-rikors maħluf tiegħu, l-attur mhux biss jagħmel riferiment iżda jiċċita fit-tul l-atti tar-rikors maħluf numru 832/2006JZM fl-ismijiet **Dieter Achtelstetter *vs.* M/V Gran Michelangelo**.

Din il-Qorti tibda biex tgħid li għall-kuntrarju, is-soċjetà konvenuta fil-proċeduri odjerni qiegħda tiċħad li hija kienet l-operatriċi tal-bastiment fil-ġurnata li għosfor. Jekk dan kien il-każ fi żmien il-proċeduri li għalihom għamel riferiment l-attur, ma jirriżultax li hekk kien ukoll sussegwentement meta l-bastiment ma deherx aktar. Imbagħad tikkunsidra li minn imkien mill-provi mressqa f'dawn il-proċeduri ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet l-operatriċi tal-bastiment M/V Gran Michelangelo meta dan ma baqax jidher fil-baħar. Saħansitra lanqas provi dwar dan l-akkadut ma tressqu min-naħa tal-attur u kollox baqa' misterjuż.

Hawnhekk l-attur jittenta juża l-fatt li s-soċjetà konvenuta kienet baqgħet tħallas il-*port dues* fir-rigward tal-bastiment M/V Gran Michelangelo sas-sena 2018. Iżda anki jekk din il-Qorti twarrab dak li qal ix-xhud Alex Galea[15], li s-soċjetà konvenuta qatt ma ħasset il-bżonn li titlob rifużjoni mingħand is-soċjetà sid il-bastiment, fid-dawl tal-ammont sostanzjali ta' tonn li dawn jissupplixxu lilha kull sena, ma tistax tikkunsidra li l-prova tal-ħlas hija b'saħħitha biżżejjed sabiex issejjes l-azzjoni tal-attur u biex tasal biex tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta."

[15] Seduta tal-15 ta' Novembru, 2019, a *fol.* 303.

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Dieter Achtelstetter li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta appellata u tilqa' t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjeta` konvenuta appellata.

6. Rat li minkejja s-soċjeta` konvenuta appellata ġiet debitament notifikata, hija ma ressqet l-ebda risposta.

7. Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-26 ta'April, 2022, meta baqgħet differita għat-trattazzjoni u wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami, l-kawża baqgħet differita għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża l-attur appellant qiegħed ifittex lis-soċjeta` konvenuta sabiex tiġi dikjarata responsabbli għad-deterjorazzjoni tal-bastiment M/V Gran Michelangelo, li kien suġġett għall-mandat ta' impediment tat-tluq li jġib referenza 1325/2006 u

għalhekk talab li l-istess soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni; li jiġu likwidati d-danni mġarrba mill-attur li jinkludu l-ammont ta' €25,623, likwidat minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża li ġġib referenza 832/2006, li l-istess attur kellu fil-konfront tal-bastiment M/V Gran Michelangelo u li tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż kontra tagħha.

10. Is-soċjeta` konvenuta appellata ressqet numru ta' eċċezzjonijiet fil-konfront tal-attur, fosthom dik preliminari li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima għall-pretensjonijiet attriċi peress li hija qatt ma kienet ġiet interpellata mill-attur, u li mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur interpella, ppreżenta u ottjena l-mandati kawtelatorji biss kontra l-bastiment M/V Gran Michelangelo, li huwa proprjeta` tas-soċjeta` estera G&C srl.

11. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet din l-eċċezzjoni preliminari fis-sens li rriteniet li tabilħaqq is-soċjeta` konvenuta ma kenitx leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet tal-attur u għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur.

12. L-attur ħassu aggravat permezz tal-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell ta' Achtelstetter huwa bbażat fuq żewġ aggravji prinċipali:

(i) L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li għalkemm l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimita` passiva tal-konvenuta, teżisti distinzjoni ċara bejn nuqqas ta' prova ta' leġittimita` passiva u nuqqas ta' prova ta' responsabbilta`. L-appellant isostni li l-konvenuta appellata hija leġittimu kontradittur għat-talbiet tiegħu, madankollu jekk ir-responsabbilta` tagħha ġietx ippruvata hija kwistjoni distinta li hija s-suġġett tat-tieni aggravju;

(ii) l-appellant isostni li l-konvenuta, bħala l-persuna responsabbli mill-bastiment fiż-żmien meta sar il-mandat kawtelatorju għandha titqies *ipso jure* responsabbli għat-telfa tal-istess bastiment. F'kull każ jinsisti li tressqu provi ċari tan-ness bejn Fish and Fish Limited u l-bastiment u allura għar-responsabbilta` tagħha għat-telfa tal-bastiment.

13. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-attur appellant fejn jisħaq li l-ewwel Qorti ma ddistingwietx bejn iż-żewġ kunċetti dwar jekk is-soċjeta` konvenuta hix leġittima kontradittriċi, u ċioe` għandhiex l-interess meħtieġ li tiġi ċitata in ġudizzju sabiex tirrispondi għat-talbiet tal-attur u l-kweżit jekk fil-mertu għandhiex titqies responsabbli. Sabiex tiġi determinata l-leġittimazzjoni passiva ta' konvenut f'kawża, jeħtieġ li wieħed jara kif inhi formulata t-talba attriċi. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-13

ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Aaron Mifsud Bonnici *nomine* v. European Institute of Education Limited:**

> ***"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta****. Ara f'sens konformi l-hsieb traccjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001. Jekk, kif inhu l-kaz hawnhekk, is-socjeta` konvenuta tafferma, u ssostni, illi hi ma hadetx parti fir-rapport dedott fil-gudizzju ghaliex ir-relazzjoni taghha kienet ma' kumpanija terza u mhux ma' l-attur direttament hi kellha ggib il-prova pozittiva ta' dan l-assunt taghha. Dan, din il-Qorti gja irrilevatu fejn osservat illi "min jissolleva b'difiza li ma huwiex il-legittimu kontradittur ghandu jsostni dan bi prova adegwata u konklussiva" ("Charles Mercieca & Co Ltd et -vs- Malta Yacht Manufacturing Ltd", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Mejju, 2005)"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, m'hemmx dubju li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-ħtija akwiljana jew kważi-delitt u dan peress li l-attur appellant jixli lis-soċjeta` konvenuta b'aġir traskurat u negliġenti meta bħala operatur li kellha l-pussess tal-bastiment, naqset milli tmantnih u tippreservah, partikolarment fid-dawl tal-mandat ta' mpediment tat-tluq tal-bastiment (numru 1325/06) li huwa ħareġ fil-konfront tal-imsemmi bastiment u dan minkejja li huwa nterpellaha permezz ta' ittra uffiċjali tas-17 ta' Novembru, 2016.

14. Issa l-liġi, permezz tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta) tipprovdi li l-obbligazzjonijiet jitnisslu minn kuntratti, kważi-kuntratti, delitti jew kważi-delitti (Artikolu 959 tal-Kodiċi Ċivili). Kif ingħad minn din il-Qorti

(Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co. Ltd.:**

> *"…huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, **il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinzel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan**. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. **Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza.** Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra "**kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti."***
> ***Kwindi kull ma jrid jiġi stabbilit fl-eżami ta' din l-eċċezzjoni huwa jekk il-konvenuti appellanti kinux materjalment (u mhux legalment) involuti f'dak li jingħad li seħħ fil-premessi tar-rikors promotur****"* (enfasi ta' din il-Qorti).

15. L-attur appellant fir-rikors promotur tiegħu jisħaq li s-soċjeta` konvenuta appellata Fish and Fish Limited kienet l-operatriċi tal-bastiment Gran Michelangelo fil-mument tal-ewwel inċident li seħħ f'Diċembru, 2005, u dan kif ikkonfermat fi proċeduri li hija stess kellha fil-konfront tal-bastiment Capitan San Marco (ara s-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Settembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Fish and Fish Limited v. Avukat Ann Fenech *nomine* et**), filwaqt li din il-Qorti, fl-appell relattiv deċiż fl-24 ta' Novembru, 2017, iddikjarat li ma kienx kontestat li Fish and Fish Limited kienet operatriċi tal-istess bastiment. Iżda jibqa' l-fatt li dawn l-asserzjonijiet ingħadu fil-kuntest tal-ewwel inċident li seħħ fl-2005. Mentri n-nuqqas li l-attur jixli lis-soċjeta` konvenuta huwa relatat mal-fatt li l-bastiment għereq fil-port ta'

Marsaxlokk fil-mori tal-proċeduri tal-appell u dan aktarx għall-ħabta tas-sena 2016.

16. Issa l-appellata fil-proċeduri odjerni ppruvat li l-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment li jġib referenza 1325/2006, li minnu l-appellant jikkontendi li tinsorġi r-responsabbilta` tagħha, kien maħruġ biss fil-konfront tal-bastiment "Gran Michelangelo" u fil-konfront tas-sidien tiegħu, qatt ma kien notifikat lilha (ara Dok. FF1 a fol. 268, b'mod partikolari r-referti a fol. 271), hekk ukoll fil-każ tal-mandat ta' qbid kawtelatorju li jġib referenza 1326/2006, kien ukoll maħruġ fil-konfront tal-bastiment "Gran Michelangelo" u fil-konfront tas-sidien tiegħu u qatt ma ġie notifikat lis-soċjeta` appellata. Dan il-fatt fih innifsu, huwa determinanti fis-sens li jdgħajfu l-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta. Tant hu hekk li, l-istess mandati ġew notifikati f'Settembru 2006 lil ċertu Francis Bezzina fil-Marsa, u l-appellata ressqet prova wkoll li qatt ma kellha impjegat b'dak l-isem (ara xhieda ta' David Azzopardi a fol. 288 u Dok. DA1 a fol. 290 *et seq* tal-proċess). Tabilħaqq ma jirriżultax ippruvat li minn l-2006 'il quddiem, l-appellata kienet qiegħda topera jew kellha xi tip ta' kontroll materjali fuq l-imsemmi bastiment. Kwindi din il-Qorti ma tqisx li għandha xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti meta ngħad minnha li "*mill-provi mressqa f'dawn il-proċeduri ma jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta kienet l-operatriċi tal-bastiment M/V Gran Michelangelo meta dan ma baqax jidher fil-baħar*."

B'daqshekk ma jitqiesx li l-ewwel Qorti ma ddistingwietx bejn jekk is-soċjeta` konvenuta kenitx leġittima kontradittriċi fis-sens jekk għandhiex l-interess meħtieġ sabiex tiġi ċitata fil-ġudizzju u l-kweżit jekk fil-mertu għandhiex titqies responsabbli għat-talbiet tal-attur.

17. Ġaladarba kienet nieqsa l-prova tal-pussess materjali tas-soċjeta` konvenuta fuq il-bastiment in kwistjoni mis-sena 2006 'il quddiem, jew li kienet l-operatriċi tal-bastiment meta saru l-mandati kawtelatorji hawn qabel ċitati, isegwi li ma jirriżultax in-ness bażiku meħtieġ sabiex is-soċjeta` konvenuta appellata Fish and Fish Limited setgħet titqies li kienet *prima facie* leġittima kontradittriċi għat-talbiet tal-attur.

18. Fil-verita` din il-Qorti tista' tieqaf hawn fl-eżami tal-appell in kwistjoni, iżda peress li jingħadu ċerti affarijiet fit-tieni aggravju sabiex isejsu r-responsabbilta` tas-soċjeta` konvenuta, jitqies xieraq li jiġu ndirizzati xi wħud minn dawn il-punti. Jibda billi jingħad li fit-tieni aggravju l-attur appellant isejjes l-argumenti tiegħu fuq il-premessa li fil-mument li ġie ppreżentat il-mandat ta' impediment ta' partenza, s-soċjeta` konvenuta appellata kienet responsabbli għall-preservazzjoni tal-bastiment, u li minħabba l-aġir tagħha li abbandunat il-bastiment, dan spiċċa għereq u li konsegwentement l-attur tilef l-uniku mezz sabiex jesegwixxi t-titolu eżekuttiv li kellu fil-konfront tal-istess bastiment. Iżda kif ingħad fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taħt l-ewwel aggravju, u dan hu l-punt

kruċjali, ma tressqitx prova li s-soċjeta` konvenuta effettivament kellha pussess materjali fuq il-bastiment meta ġew ippreżentati l-mandati kawtelatorji fl-1 ta' Settembru, tas-sena 2006, tant li l-istess mandati maħruġa mill-attur la saru fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta u lanqas ġew notifikati lilha.

19. Fil-qasam tar-responsabbilta` extra-kontrattwali, huwa l-Kodiċi Ċivili stess li joħloq ir-rabta ġuridika meħtieġa, meta dan jiddisponi illi: "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" (ara Artikolu 1031 tal-Kap. 16); kif ukoll illi, *"Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" (ara Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16) u li: "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk"* (ara Artikolu 1033 tal-Kap. 16). Hekk ukoll l-awtur **Massimo Franzoni** fl-opra tiegħu "**Le Obbligazioni: Le obbligazioni da fatto illecito**" Vol.II, UTET 2004; §3, p.29) jgħid illi:

> "*Anche nel caso in cui manchi una specifica norma di legge o di regolamento, che imponga l'obbligo di osservare una determinata linea di condotta, la colpa può venire in rilievo sotto il profilo dell'imprudenza, della negligenza o dell'imperizia. In questi casi, la colpa viene individuata in un comportamento cosciente dell'agente, che senza volontà di arrecare danno, cagiona, però, un evento lesivo ad altri; in modo particolare, la giurisprudenza fa riferimento al requisito della prevedibilità o rappresentabilità dell'evento dannoso, come componente essenziale della colpa. Il giudizio sulla prevedibilità o rappresentabilità dell'evento, tuttavia, viene effettuato secondo il criterio della media diligenza ed attenzione del buon padre di famiglia,*

*rapportato alla situazione verificatasi in concreto. Pertanto, non vi è un'indagine sulla coscienza e sulla volontà dell'agente, in quanto attraverso il confronto con il parametro standard della diligenza del buon padre di famiglia, si accerta la difformità del comportamento tenuto rispetto a quello che, invece, era richiesto."*

Ladarba l-mandati kawtelatorji maħruġa mill-attur appellant ma sarux fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta appellata jew tal-inqas ġew notifikati lilha, jew tressqet xi prova ta' pussess materjali li hija kellha fuq il-bastiment wara l-inċident ta' Diċembru, 2005, wieħed ma jifhimx kif jista' jiġi argumentat li kien hemm nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja li għaliha għandha tirrispondi s-soċjeta` konvenuta.

20. L-attur appellant jirribatti l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li huwa naqas milli jipprova sew x'ġara mill-bastiment, tant li mhuwiex ċar jekk hux minnu li l-bastiment għereq. L-appellant jagħmel referenza għax-xhieda ta' David Azzopardi, rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta li xehed li sa fejn huwa kien mgħarraf, il-bastiment kien għereq fil-bajja ta' Marsaxlokk. Iżda mill-atti jirriżulta wkoll ix-xhieda tal-avukat Robert Vassallo, in rappreżentanza tad-Direttorat tal-Portijiet, li xehed li għalkemm l-informazzjoni li għandhom kienet fis-sens li dan il-bastiment m'għadux jeżisti, iżda ma kienx mgħarraf jekk dan għeriqx jew ittellax l-art u ġiex imkisser u skrappjat, li għalhekk din ix-xhieda tpoġġi f'dubju dwar x'sar mill-imsemmi bastiment. Inoltre, anke jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu li l-bastiment jinsab mgħerreq f'Marsaxlokk, huwa

ritenut li l-għarfien tar-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta ta' dak li sar mill-bastiment, mhuwiex biżżejjed sabiex jirradika fiha r-responsabbilta` għad-deterjorazzjoni tal-istess bastiment, kien meħtieġ tal-inqas jiġi ippruvat in-ness bejn l-aġir, xi negliġenza jew imprudenza fl-imġieba tagħha u l-għarqa tal-imsemmi bastiment kif mixli mill-istess attur. Iżda ġaladarba s-sentenza appellata ġustament ma daħlitx fil-mertu tar-responsabbilta` għall-akkadut peress li tqies li s-soċjeta` konvenuta ma kenitx leġittima kontraditriċi, sentenza li ser tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, mhuwiex xieraq lanqas għal din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-materja ta' responsabbilta`.

21. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti taqbel ukoll mal-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-fatt li s-soċjeta` konvenuta ħallset il-*port dues* tal-bastiment in kwistjoni fis-sena 2018 (li skont Dok. RV 2 a fol. 79 tal-proċess kienu jammontaw għal €105) kunsidrat li hija kienet (i) tħallas lista sħiħa ta' kontijiet f'daqqa ammontanti għat-total ta' €1,245 (ara Dok. FF5 a fol. 309 tal-proċess); kif ukoll (ii) hija kienet tixtri mingħand sid il-bastiment G & C srl tonn b'valur ta' eluf kbar ta' ewro fis-sena (tissemma ċ-ċifra ta' €850,000 fis-sena), ma tarahiex inverosimili li ma kkontestatx il-ħlas ta' €105. Kwindi din il-Qorti wkoll ma tqisx il-fatt li s-soċjeta` konvenuta ħallset l-*port dues* tal-bastiment in kwistjoni fl-2018, bħala prova li hija kienet operatur jew kellha kontroll effettiv fuq il-bastiment in kwistjoni sabiex l-attur jirnexxielu jsejjes l-azzjoni tiegħu

b'suċċess fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta appellata. Isegwi li lanqas dan it-tieni aggravju tal-attur appellant ma jimmerita li jintlaqa'.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tiċħad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
da